# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tlettax (13) ta' Mejju 2025**

**Rikors Numru 331/2023FDP**

Fl-ismijiet

**Marius Muscat (K.I: 0665858M)**

**Vs**

**Bank of Valletta p.l.c (C 2833)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 27 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Ir-rikorrenti għandu kont bankarju mal-bank intimat Bank of Valletta P.L.C. bin-numru 40012141771, b'kopja tad-dettalji bankarji hawn annessi u identifikati bħala Dok. A*

    2. *Ir-rikorrenti ġie informat mill-bank intimat illi kienu saru numru ta' tranżazzjonijiet, tramite ċekkijiet, mill-kont bankarju tal-istess rikorrenti direttament pagabbli lis-Sinjura Josephine Baldacchino (K.I. 201673(M)), u dan fl-ammont ta' ħames mija u tletin elf Euro (€530,000).*

    3. *It-tranżazzjonijiet surreferiti qatt ma kienu awtorizzati mir-rikorrenti u dan tant illi preżentement hemm proċeduri pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kontra l-imsemmija Josephine Baldacchino.*

    4. *Il-bank intimat naqas milli jinforma lir-rikorrenti jew saħansitra jiġbidlu l-attenzjoni sabiex jivverifika jekk it-tranżazzjonijiet diretti kollha lejn l-istess persuna u li jammontaw għal iktar min-nofs miljun Euro, kinux filfatt hekk intenzjonati.*

5. *Di fatti, ir-rikorrenti sar jaf bl-imsemmija trasferimenti meta rappreżentanti tal-bank intimat stess ikkomunikaw mar-rikorrenti sabiex jivverifika jekk kienx ta l-awtorizzazzjoni tiegħu sabiex mill-kont bankarju tiegħu stess tiġi trasferita s-somma ta' mitt elf Ewro (€ 100,000) fil-kont bankarju tas-sinjura Baldacchino.*

6. *Hekk kif sar jaf b'din l-intenzjonata tranżazzjoni, ir-rikorrenti ta' struzzjonijiet urġenti lill-bank intimat sabiex iwaqqaf din it-tranżazzjoni immedjatament tenut kont tal fatt illi dan it-trasferiment ma kienx jaf bih u l-imsemmija flejjes qatt ma kellhom jiġu depożitati fil kont li jappartjeni lil Josephine Baldacchino.*

7. *Nonostante din is-sitwazzioni u l-istruzzjonijiet ċari tar-rikorrenti, il-bank intimat ippersista fin-negliġenza u minflok waqqaf l-imsemmi trasferiment u ħa azzjoni sabiex jiġi ssalvagwardjat ir-rikorrenti bħala klijent tal-bank intimat, kompla jawtorizza trasferimenti mill-kont tar-rikorrenti għall-kont bankarju tas-Sinjura Josephine Baldacchino.*

8. *Il-bank intimat b'negliġenza u traskuraġni naqas milli jaġixxi ta' "bonus pater familias' fis-sengħa u l-professjoni tiegħu ta' mandatrju hekk kif jidderimi l-artikolu 1874(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u jivverifika a tempo vergine, jekk dawn it-trasferimenti bankarji li jammontaw għall-iktar min-nofs miljun Euro kinux awtorizzati mir-rikorrenti.*

9. *Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħid il-bank intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara illi l-bank intimat kien negliġenti u traskurat fil-qadi ta' dmirijietu fil-konfront tar-rikorrenti bħala l-mandatarju tiegħu u naqas milli jonora l-obbligi tiegħu skont id-dettami tal-artikolu 1873 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Tikkundanna lill-bank intimat bħala mandatarju jwieġeb għan-negliġenza tiegħu fl-eżekuzzjoni tal-mandat mogħti lilu mir-rikorrenti, u dan ai termini tal-Artikolu 1874 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Tiddikjara illi l-bank intimat naqas milli jwettaq id-dmirijiet tiegħu bħala bonus pater fis-sengħa u l-professjoni tiegħu u għandu jkun responsabbli għan-negliġenza eżegwita minnu fil-qadi ta dmirijietu;*

4. *Tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrenti sofra danni konsegwentament għall-aġir imprudenti, traskurat u/jew b'nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja da parti tal-bank intimat;*

5. *Tikkundanna lill-bank intimat responsabbli lejn ir-rikorrenti għar-riżarċiment tal-istess danni;*

6. *Tillikwida d-danni subiti mir-rikorrenti;*

7. *Tikkundanna lill-bank intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri u bl-ispejjeż relatati mal-ittra uffiċjali bir-riferenza 5349/2022, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata ta' dan ir-Rikors Ġuramentat sal-effettiv pagament, fil-konfront tal-bank intimat rappreżentanti ta' liema huma minn issa nġunti għas-subizzjoni*

2. Rat illi fit-12 ta' Mejju 2023 is-soċjeta' intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

*Illi preliminarjament, it-talbiet attriċi huma kollha intempestivi, irriti u ġuridikament infondati stante li l-attur diġa` pproċeda kontra l-persuna li l-attur isostni li verament ikkawżatlu d-danni permezz tar-Rikors Ġuramentat numru 478/2021 AD fl-ismijiet "Marius Muscat vs Josephine Baldacchino", u ċioe` Josephine Baldacchino (K.I. numru 201673 (M)), u għalhekk l-esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju – electa una via non datur recursus ad alteram.*

*Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, huwa assolutament u bl-aktar mod kategoriku miċħud mill-Bank esponenti illi s-soċjeta' eċċipjenti kienet b'xi mod negliġenti jew b'xi mod ieħor legalment mhux korrett fil-qadi tad-dmirijiet tagħha, partikolarment imma mhux esklussivament, meta wieħed jikkunsidra illi kienet l-esponenti li ssenjalat lill-attur it-transazzjonijiet voluminużi illi kienu qed isiru f'isem Josephine Baldacchino, u li kieku ma ssenjalatx tali, il-probabbilita` kienet tkun illi l-attur kien isofri danni ulterjuri. Għalhekk it-talbiet attriċi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, huwa ċar u manifest illi kwalsiasi danni li seta' sofra l-attur, soffrihom, minħabba n-negliġenza u/jew nuqqas ta' qadi ta' dmirijiet u doveri legali tiegħu fil-ġestjoni tan-negozju tiegħu meta, għalkemm, kif ser jirriżulta mill-atti, huwa kien il-persuna li kellu aċċess u kien jutilizza tali aċċess għal dokumenti bankarji b'mod regolari, huwa qatt ma dehrlu li kellu jwaqqaf it-transazzjonijiet bankarji magħmulin matul numru ta' snin versu Josephine Baldacchino.(ex turpi causa non oritur actio) Għalhekk ukoll it-talbiet attriċi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-esponenti mxiet skont il-prassi u l-liġi bankarja u ċioe` illi, ġialadarba hija kellha quddiemha ċekkijiet maħruġa ritwalment mill-istess attur, li fuqhom l-attur ma għażilx li jagħmel il-kontrolli neċessarji u jekk sab xi sinistru, jitlob stop payment a bażi ta' stolen cheques, l-esponenti kellha dover legali li ssarraf l-istess ċekkijiet; kien ikun invece nuqqas ta' dmir tas-soċjeta' esponenti kieku l-esponenti naqset*

*milli tonora ċ-ċekkijiet maħruġa ritwalment taħt il-firma awtentika tal-istess attur u mhux bl-invers. Għalhekk ukoll it-talbiet attriċi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-attur kien ukoll negliġenti b'mod grossolan meta, kif saret taf l-esponenti dan l-aħħar, l-istess attur kien jafda ċekkijiet iffirmati minnu in bjank f'idejn Josephine Baldacchino, addetta fl-uffiċċju tiegħu, u li l-bank għalhekk, fit-tisrif ta' tali ċekkijiet ma seta' jkollu l-ebda suspett normalment. Għalhekk ukoll it-talbiet attriċi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, huwa l-attur bin-negliġenza grossolana tiegħu, u l-imsemmija Josephine Baldacchino bil-frodi minnha perpetrata skont l-istess attur, illi waslu għal tali danni allegatament sofferti mill-attur jekk verament l-attur sofra danni kif isostni. Għalhekk ukoll it-talbiet attriċi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-esponenti ma kkawżat l-ebda danni lil-attur kif jiġi aħjar spjegat fit-trattazzjoni tal-kawża.*

*<u>Fatti</u>*

*Illi l-esponenti taqbel li jeżisti Current Account numru 40012141771 fl-isem l-attur Marius Muscat.*

*Illi Josephine Baldacchino kienet fl-impjieg tiegħu u kienet persuna ta' ċertu fiduċja u responsabbiltajiet fl-organizzazzjoni tal-istess Marius Muscat.*

*Illi ċ-ċekkijiet kollha li sarraf il-bank, sarrafhom bil-firma awtentika tal-istess Marius Muscat u sad-data tat-28 ta' April 2022, il-bank qatt ma ġie infurmat mill-istess attur trajent tal-istess ċekkijiet illi kien hemm xi ħaġa rregolari u li għalhekk kellu jiġi effettwat stop payment tal-istess ċekkijiet. Anzi kienet l-esponenti li infurmat lill-attur bil-volum enormi ta ċekkijiet pagabbli lil Josephine Baldacchino.*

*Illi għalhekk il-bank esponent eżegwixxa l-mandat ta' Marius Muscat ritwalment u skont il-liġi.*

*Illi l-bank eċċipjent ma kkawża l-ebda danni lill-attur;*

*Illi invece, kieku ma kinetx iċ-ċirkospezzjoni tal-bank li jiġbed l-attenzjoni lill-attur għad-diversi ċekkijiet ta' volum li, minkejja ta' valur relattivament żgħir, jammontaw għal somom kbar, l-attur, minkejja li kien jaċċessa s-sistema elettronika tal-bank regolarment, kien jibqa' bl-ebda mod ma jirraporta tali sinistru; l-esponenti ssibha xi ftit diffiċli li din il-prassi segwit u pperdurat għal tali snin, u kien biss wara li l-bank issenjala l-volum enormi ta' ħlasijiet lil Josephine Baldacchino illi t-trajent beda, għar-raġunijiet tiegħu, jimputa l-frodi lil Josephine Baldacchino.*

## Provi

3. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrent fuq l-att imsemmi.

4. Rat in-nota tal-attur ippreżentata fit-28 ta' Settembru 2023 kontenenti l-affidavit tal-istess attur **Marius Muscat** (fol 30-32).

5. Rat in-nota tal-attur ippreżentata fit-28 ta' Settembru 2023 kontenenti vera kopja tar-rikors ġuramentat u tar-risposta ġuramentata ppreżentati fl-atti tal-kawża fl-ismijiet **Marius Muscat vs Josephine Baldacchino** bin-numru ta' referenza 478/2021 (fol 33-46).

6. Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2024, fuq talba tal-bank intimat, ordnat illi tiġi deċiża l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-bank intimat.

7. Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2024 il-Qorti akkordat żmien lill-bank intimat sabiex jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu rigward l-ewwel eċċezzjoni sollevata minnu.

8. Rat illi l-bank intimat ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fis-6 ta' Diċembru 2024 (fol 70-75).

9. Rat illi l-attur ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fil-11 ta' Marzu 2025 (fol 80-82).

10. Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2025 il-kawża marret għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-bank intimat.

## Fatti tal-Każ

11. Jirriżulta illi l-attur għandu kont bankarju mal-bank intimat li jġib in-numru 40012141771.

12. Jirriżulta illi mill-kont hawn fuq imsemmi saru numru ta' transazzjonijiet tramite ċekkijiet pagabbli lil Josephine Baldacchino, liema transazzjonijiet jammontaw kumplessivament għas-somma ta' ħames mija u tletin elf Ewro (Ewro 530,000).

13. Jirriżulta illli r-rikorrent kien ġie infurmat mill-bank stess illi kienu saru numru ta' transazzjonijiet permezz ta' ċekk lil Josephine Baldacchino.

14. Jirriżulta illi dawn it-transazzjonijiet ma kinux awtorizzati mir-rikorrent u kontra l-imsemmija Josephine Baldacchino nfetħu proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

15. Jirriżulta illi l-attur isostni illi l-bank intimat naqas milli jinformah jew jiġbidlu l-attenzjoni sabiex jivverifika jekk it-transazzjonijiet diretti kollha l-istess persuna kinux fil-fatt hekk intenzjonati.

16. Jirriżulta li l-attur sar jaf biss b'dawn it-trasferimenti meta rappreżentant tal-bank intimat kien ikkomunika miegħu sabiex jivverifika jekk kienx ta l-awtorizzazzjoni tiegħu sabiex mill-kont bankarju tiegħu tiġi trasferita s-somma ta' mitt elf Ewro (Ewro 100,000) fil-kont bankarju ta' Josephine Baldacchino.

17. Jirriżulta li skont l-istess rikorrent huwa kien ta struzzjonijiet lill-bank intimat sabiex iwaqqaf din it-transazzjoni immedjatament stante illi dan ma kienx trasferiment awtorizzat minnu.

18. Jirriżulta illi skont l-istess attur il-bank intimat minflok waqqaf dan it-trasferiment u ħa azzjoni sabiex jissalvagwardja lir-rikorrenti bħala klijent tal-bank intimat, kompla awtorizza dan it-trasferiment mill-kont tiegħu għall-kont ta' Josephine Baldacchino.

19. Jirriżulta illi r-rikorrent qiegħed jargumenta illi l-bank intimat naqas milli jaġixxi ta' '*bonus pater familias*' fis-sengħa u l-professjoni tiegħu ta' mandatarju ai termini tal-Artikolu 1874 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jivverifika *a tempo vergine* jekk dawn it-trasferimenti bankarji kinux awtorizzati mir-rikorrent.

**Ikkunsidrat**

20. Jingħad, l-ewwel u qabel kollox, illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2024 dina l-Qorti qieset illi jkun opportun illi tiġi deċiża l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-bank intimat u għaldaqstant akkordat żmien sabiex il-bank konvenut jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu.

21. Jirriżulta illi s-sottomissjonijiet tal-bank intimat kienu ġew ippreżentati fis-6 ta' Diċembru 2024 u li fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2024 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub fuq din l-ewwel eċċezzjoni.

22. Jirriżulta illi l-attur ippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu fil-11 ta' Marzu 2025 u l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-bank konvenut.

23. Jirriżulta fl-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-bank intimat huwa eċċepixxi s-segwenti:

> *"Illi preliminarjament, it-talbiet attriċi huma kollha intempestivi, irriti u ġuridikament infondati stante li l-attur diġa' pproċeda kontra l-persuna li l-attur isostni li verament ikkawżatlu d-danni permezz tar-Rikors Ġuramentat numru 478/2021AD fl-ismijiet "Marius Muscat vs Josephine Baldacchino", u ċioe' Josephine Baldacchino (K.I numru 201673 (M)), u għalhekk l-esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju - electa una via non datur recursus ad alteram".*

24. Il-Qorti għalhekk ser tipproċedi sabiex tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha biss dwar din l-ewwel eċċezzjoni tal-bank intimat.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

25. Din il-Qorti tinnota illi l-eċċezzjoni tal-bank konvenut hija msejsa fuq il-fatt illi skont l-istess bank diġa' hemm proċeduri pendenti fuq l-istess mertu, iżda kontra Josephine Baldacchino, li hija l-kawża numru 478/2021 u għaldaqstant is-soċjeta' konvenuta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u dan a bażi tad-dettami *electa una via non datur recursus ad alteram*.

26. Illi fl-ewwel lok din il-Qorti sejra sabiex tagħmel referenza għall-prinċipju *electa una via non datur recursus ad alteram* u ser tagħmel dan billi tirreferi għall-ġurisprudenza nostrana.

27. Illi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Louis Vincenti et vs Maria sive May Herrera et***[1], fejn intqal hekk:

*"L-appellanta tgħid li l-prinċipju electa una via non datum recursus ad alteram sollevat, li fuqu kienet ibbażata t-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha għalkemm ma jinsab fl-ebda dispożizzjoni espressa tal-liġi, għandu l-għeruq tiegħu fid-Dritt Ruman u ġie abbraċċjat kemm-il darba mill-Qrati tagħna. Diversi ġuristi interpreti tad-Dritt Ruman jenunzjaw il-prinċipju illi fil-konkors alternattiv ta' ħafna azzjonijiet, l-eżerċizzju ta' waħda mill-azzjonijiet tolqot u testingwi l-azzjonijiet l-oħra. L-appellanta ssostni li l-kunċett ta' electa una via:*

*"impedisce la moltiplicazione dei gudizi sopra un unico fatto, e promuove il rispetto delle gurisdizioni, vietandone gli arbitrarii spostamenti, poichè le medesime sarebbero gettate in iscompiglio, quando fossero lasciate in balia al privato capriccio mediante la facoltà di variare la scelta della via cui s'intende percorrere. E' inoltre necessario evitare una possible contrarietà di giudicati sullo stesso oggetto"*

*Dan il-kunċett ta' electa una via jiġi spjegat ukoll b'eżempju prattiku, fejn l-attur ikollu l-fakultà li jagħżel bejn li jressaq azzjoni għat-twettiq ta' kuntratt, jew li jressaq azzjoni għal ħall ta' kuntratt:*

*"A titolo esemplificativo si può pensare alla facoltà di scelta tra azione di adempimento ed azione di risoluzione del contratto, così come disciplinata dall'art. 1453 c.c. Se si sceglie la seconda via, quella, cioè, dell'azione di risoluzione, non è più possibile chiedere l'adempimento, mentre si può sempre mutare in domanda di risoluzione quella originariamente proposta per ottenere l'adempimento".*

*...*

*L-intimata, hawnhekk l-appellanta, tikkontendi li lil hinn mill-kwistjoni ta' jekk l-eċċezzjoni tan-nullità tal-azzjoni attriċi tinkwadrax ruħha speċifikatament taħt xi wieħed mis-sub-inċiżi tal-artikolu 789 tal-Kap. 12, abbażi tal-prinċipju electa una via non datum recursus ad alteram sollevat liema prinċipju joħroġ mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u mhux minn xi dispożizzjoni speċifika tal-liġi, ir-rikorrenti, hawnhekk l-appellati, ma setgħux dwar l-istess oġġett, f'żewġ kawżi separati iressqu żewġ azzjonijiet ġudizzjarji differenti, b'talbiet li skont l-appellanta huma kontradittorji u konfliġġenti."*

28. Referenza ser issir ukoll għas-sentenza fl-ismijiet ***Emmanuele Scicluna vs L-Avukat Dr Spiridione Camilleri noe***[2], fejn il-Qorti tal-Appell spjegat is-segwenti:

*"Illi l-prinċipju tal-"Electa una via", li mhux miktub f'termini ġenerali u pożittivi f'ebda liġi, sew antika sew ġdida, ġie mill-interpreti tad-Dritt Ruman affermat bħala konsegwenza ta' ħafna testi partikulari, li kienu assumewh bħala regola ta' dak li kien ġie dispost minnhom. Skond dawn l-istess testi*

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Lulju 2020- Kawża numru: 237/2018
[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Jannar 1959

*differenti, dawk li nterpretaw l-istess Dritt Ruman ħolqu l-prinċipju li fil-konkors alternattiv ta' ħafna azzjonijiet, l-eżerċizzju ta' waħda minnhom tolqot u testingwi l-azzjonijiet l-oħra. Infatti, il-Brunemann, fl-opra tiegħu "Commentarius in Codicem", meta jitkellem fuq il-"Lex Manifestissimi", numru 22, taħt il-kap u titolu "De furtis et servo corrupto" (ara Tomo Primus, paġ. 716 u 717, para.5 edizzjoni Laurenti ex typis Fratrum Rosso sumptibus editorum, 1839) isostni:-"In concursu actionum alternativarum, si actio semel in judicium est deducta, statim submovetur altera" (ara wkoll Hellig, in Donell lib.21 c. 3, lit. D);*

*Il-President Fabio, fl-opra tiegħu fir-"Rationalia" fu1 il-liġi 9 ff. Para 1 "de tribuatria actione", jgħid li l-attur li jagħżel waħda mill-azzjonijiet li lilu huma akkordati, neċessarjament, jirrinunzja għall-oħrajn, u mhux permess lil min ikun irrinunzja għall-azzjonijiet tiegħu li jerġa' lura fuq il-passi tiegħu stess. "Qui ex pluribus sibi competentibus actionibus unam eligit, aliam quam non eligi repudiare intelligitur in consequentiam necessariam; ripudiantibus autem et remittentibus actionibus suis dandus non est regressus (L 14 para. 19 ff. "de aedilitio edicto"). Jingħad ukoll mill-istess Fabio - "Eligere igitur actor bene debet qua actione velit agere, aut malae electae actionis periculum et damnum ultro subire. Eligendo autem actionem competentem (inter eam quae cometit et illam quae non competit non cadit electio) utramque consumit, et illam quam exercet, quia competit, et illam quam non excert, quia illam repudiavit"."*

29. Illi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Paul Caruana et vs Ta' Cerkes Limited***[3], intqal is-segwenti:

*"Kif rajna, l-Qorti hi marbuta bit-termini tal-premessi u tat-talbiet attriċi u ma tistax il-Qorti tiddipartixxi minn dak mitlub jew premess sabiex tipprova ssalva l-kawża.*

*Il-massima legali electa una via non datur recursus ad alteram japplika perfertament għall-każ in diżamina.*

*Kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża Diana Gatt et vs. Vincent Said (App Ċiv 150/1992) mogħtija fit-23 ta' Frar 2001*

*"Una volta l-parti f'kawża tkun għażlet triq ta' difiża tal-jeddijiet tagħha, kemm bħala attur kif ukoll bħala konvenut, u proċediet fuqhom bil-preżentata ta' azzjoni jew eċċezzjoni, ma kienx konsentit lil dik il-parti illi f'dawk l-istess proċeduri tibdel il-linja difenzjonali tagħha."*

30. Illi din l-Qorti sejra tagħmel l-analiżi tagħha tal-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-bank intimat billi tirreferi għat-talbiet kif promossi mill-attur fil-kawża 478/2021AD fl-ismijiet '*Marius Muscat vs Josephine Baldacchino'* u għal dan il-għan sejra tirriproduċi dawn l-istess talbiet:

[3] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju 2022- Kawża numru: 781/2017

*"1) Tiddeċiedi illi l-intimata tħallset diversi ammonti permezz ta' ċekkijiet bankajri b'mod indebitu u mingħajr awtorizzazzjoni u xjenza tal-attur dan b'mod illeċitu u frawdolenti.*

*2) Tiddikjara illi l-intimata għandha tagħti lill-attur rikorrenti s-somma ta' kull ċekk bankarju msarraf inġustament liema somma għandha tiġi hekk likwidata skond l-istess dokumenti u ċekkijiet li ser jiġu eżebiti u ppreżentati bħala dokumenti fl-atti tal-kawża, u dana oltre l-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somom kollha meħuda.*

*3) Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata u aċċertata u tawtorizza lill-istess rikorrenti jiżbanka kwalsiasi ċedola fl-istess ammont hekk likwidata u depositata fl-atti tal-mandat kawtelatorju u jbigħ bis-subbasta kwalsiasi mobbli maqbuda fl-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid u bir-riserva għall-ħruġ ta' mandati eżekuttivi għall-ħlas tad-debitu u kwalsiasi somma likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*4) Tiddikjara u tikkundanna lill-intimata tħallas kull ammont verjuri ieħor li jista' jirriżulta mill-indaġini ulterjuri fil-każ u skond id-dokumenti li jirriżultaw fi stadju ulterjuri."*

(fol 35)

31. Din il-Qorti tosserva illi huwa minnu li l-azzjoni meħuda mill-attur fil-konfront ta' Josephine Baldacchino permezz tal-kawża 478/2021AD hija ċċentrata fuq n-numru ta' transazzjonijiet mhux awtorizzati permezz ta' ċekkijiet pagabbli lil Josephine Baldacchino u li kienu ġew imsarrfa minnha u li din il-kawża hija wkoll imsejsa u bbażata fuq dawn l-istess transazzjonijiet mhux awtorizzati.

32. Għalhekk, huwa ċar li hemm konnessjoni evidenti bejn iż-żewġ kawżi u li dawn iż-żewġ kawżi għandhom jitqiesu li huma relatati ma' xulxin.

33. Madanakollu, din il-Qorti tirrileva illi l-kawża numru 478/2021AD u l-kawża in deżamina ġew indirizzati kontra żewġt persuni differenti u li barra minn hekk, it-talbiet mitluba fiż-żewġ kawżi huma totalment diversi.

34. Illi mill-qari tar-rikors ġuramentat tal-kawża odjerna, jidher illi din il-kawża ġiet intavolata mill-attur kontra l-bank intimat fuq il-bażi li skont l-istess rikorrent il-bank aġixxa b'mod negliġenti u ma wettaqx id-dmirijiet tiegħu bħala '*bonus pater familias*' u għaldaqstant huwa għandu jiġi dikjarat responsabbli ta' tali nuqqas u konsegwentement għandu jiġi kkundannat iħallas id-danni sofferti mill-attur. Illi b'hekk huwa ċar illi l-kawża li l-attur fetaħ permezz tal-proċeduri *de quo* hija kawża għad-danni relattiva għan-negliġenza tal-bank waqt il-qadi ta'dmirijietu.

35. Min-naħa l-oħra, l-kawża l-oħra istitwita mill-attur kontra Josephine Baldacchino bin-numru ta' referenza 478/2021AD hija intiża sabiex l-attur jiġi mħallas lura s-somom kollha illi Josephine Baldacchino trasferiet fil-kont tagħha permezz ta' ċekkijiet maħruġa mill-kont tar-rikorrent. Illi għaldaqstant, l-iskop ta' din il-kawża u t-talbiet rikjesti fiha huma totalment differenti minn dik tal-kawża in deżamina. Infatti, dan jgħidu l-bank intimat stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fejn huwa jgħid illi: *"L-*

*esponenti qatt ma qalet illi l-vertenza odjerna u dik 478/2021AD huma identiċi -pjuttost huwa r-riżultat mixtieq tal-attur illi jkun l-istess"* (fol 73).

36. Illi din il-Qorti ma tħossx illi l-bank konvenut huwa korrett meta fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu jargumenta illi t-talbiet attriċi huma intempestivi għaliex kif diġa' ngħad, l-azzjoni in deżamina hija bbażata u iffukata fuq it-tisrif taċ-ċekkijiet da parti tal-bank intimat u n-nuqqas tal-istess bank illi jinfurma jew jistħarreġ jekk dawk iċ-ċekkijiet pagabbli lil Josephine Baldacchino kinux awtorizzati mill-attur jew le.

37. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tqisx illi l-prinċipju enunċjat mill-bank konvenut: *electa una via non datur recursus ad alteram* huwa wieħed applikabbli fil-każ *de quo* u għalhekk tqis illi s-soċjeta' intimata, ossia, l-bank intimat m'għandux jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

38. Illi madanakollu, l-Qorti tħoss illi stante illi l-kawżi 478/2021AD u dik odjerna, allavolja huma distinti minn xulxin xorta huma relatati u l-kawża 478/2021AD jista' jkollha konsegwenzi għal dik in deżamina. B'hekk filwaqt illi qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-bank intimat, tqis illi jkun opportun illi dina l-Qorti tistenna l-eżitu tal-kawża bin-numru 478/2021 fl-ismijiet '*Marius Muscat vs Josephine Baldacchino'*, u dwar dan ser tipprovdi seduta stante.

**Deċiżjoni Parzjali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni tal-bank intimat billi:

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-bank konvenut fir-risposta ġuramentata tiegħu għar-raġunijiet spjegati aktar 'il fuq.

Tipprovdi dwar l-prosegwiment tal-kawża fl-Awla wara li tkun ikkonsultat mal-abbli konsulenti legali tal-partijiet.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jiġu deċiżi mas-sentenza finali.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**